

31982L0504

5.8.1982

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 230/35

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tat-12 ta' Lulju 1982

li temenda d-Direttiva 78/663/KEE li tistabbilixxi kriterji speċifiċi ta' purità għal emulsjonanti, stabilizzaturi, *thickeners* u *gelling agents* għall-użu fl-oġġetti ta' l-ikel

(82/504/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

definit il-kriterju tal-purità ta' dawn is-sustanzi u b'konsegwenza ta' dan għandha tiġi emendata n-nomenklatura ta' E 460;

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Billi d-Direttiva 78/663/KEE tistipula li, fir-rigward tas-sustanzi E 474 u E 477, il-Kunsill jista', waqt li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta tal-Kummissjoni, jiddeċiedi fuq l-emendi neċessarji kollha sal-31 ta' Diċembru 1981;

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 74/329/KEE tat-18 ta' Ġunju 1974 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' emulsjonanti, stabilizzaturi, *thickeners* u *gelling agents* għall-użu fl-oġġetti ta' l-ikel⁽¹⁾, kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 80/597/KEE⁽²⁾, u b'mod partikolari fl-Artikolu 7(1) tagħha,

Billi l-kriterji ta' purità tas-sustanzi E 400, E 401, E 402, E 403, E 404 u E 405 għandhom jiġu mmodifikati biex jieħdu f'konsiderazzjoni l-iżvilupp xjentifiku, b'mod partikolari fil-metodi ta' analiżi,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Billi d-Direttiva tal-Kunsill 78/663/KEE⁽³⁾ tistabbilixxi kriterji speċifiċi ta' purità għal emulsjonanti, stabilizzaturi, *thickeners* u *gelling agents* għall-użu fl-oġġetti ta' l-ikel;

L-Artikolu 1

Billi d-Direttiva 80/597/KEE emendat l-Anness I għad-Direttiva 74/329/KEE biex tawtorizza *Xanthan gum* (E 415) u ċelluloża f'għamla ta' trab (E 460 - (ii)) u, għal din ir-raġuni, għandu jiġi

Id-Direttiva 78/663/KEE hija emendata kif ġej:

1. L-Artikolu 2 għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

“L-Artikolu 2

F'dak li għandu x'jaqsmu mas-sustanzi msemmija fl-Anness taħt E 477, l-Istati Membri jistgħu, sal-31 ta' Diċembru 1984, jawtorizzaw l-użu fl-oġġetti ta' l-ikel ta' prodotti li fihom mhux iktar minn 4 % *dimer* u *trimer* ta' *propane-1,2-diol*.”

2. L-Anness għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Taħt E 400, E 401, E 402, E 403, E 404 u E 405, l-iskrizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' sustanzi li ma jinħallux f'NaOH dilwit għandhom jiġu mħassra, u t-test ta' l-iskrizzjonijiet li għandu x'jaqsmu ma' l-irmid li ma jinħallx fl-aċidu għandu jiġi mibdul b' "Mhux iktar minn 2 %".

⁽¹⁾ ĠU L 189, tat-12.7.1974, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 155, tat-23.6.1980, p. 23.

⁽³⁾ ĠU L 223, ta' l-14.8.1978, p. 7.

(b) Dan li ġej għandu jġi mdaħħal bejn E 414 u E 420 - (i):

“E 415 - Xanthan Gum

Deskrizzjoni kimika	Xanthan gum hija gomma polisakkarida ta' piż molikolari għoli magħmula minn fermentazzjoni ta' kultura-pura ta' karboidrati ma' <i>Xanthomonas campestris</i> , purifikata b'passati ta' alkoħol jew isopropanol, imnixxa u mqatta'. Fiha D-glucose u D-mannose bħala unitajiet tal-hexose dominanti, flimkien ma' l-aċidu D-glucuronic u l-aċidu piruviku, u hija ppreparata bħala l-melħ tas-sodju, potassju u kalċju. Is-soluzzjonijiet tagħha huma newtrali.
Deskrizzjoni	Trab lewn il-krema.
Kontenut	Xanthan gum jipproduċi, fuq bażi ta' sustanza libera volatili, mhux inqas minn 4.2 % u mhux aktar minn 5.0 % ta' diossidu karbonju.
Sustanza volatili	Mhux aktar minn 15 % stabbilit mit-tnixxif f'105 °C għall-2 1/2 sigħat
Rmied	Mhux aktar minn 16 % fuq bażi ta' sustanza libera volatili, stabbilita f'600 °C wara t-tnixxif f'105 °C għal 4 sigħat.
Aċidu piruviku	Mhux inqas minn 1.5 %.
Nitroġenu	Mhux iktar minn 1.5 %.
Isopropanol	Mhux iktar minn 750 mg/kg.
Kriterju mikrobijoloġiku	M'għandux ikun hemm ċelloli vijabbli ta' <i>Xanthomonas campestris</i> ."

(ċ) In-numru “E 460” għandu jsir “E 460 - (i)”.

(d) Dan li ġej għandu jġi mdaħħal bejn E 460 - (i) u E 461:

“E 460 - (ii) Ċelluloża f'għamla ta' trab

Deskrizzjoni kimika	Ċelluloża f'għamla ta' trab hija ċelluloża diżintegrata purifikata b'mod mekkaniku ppreparata bi proċess ta' alpha-ċelluloża meħuda direttament mill-materjal ta' pjanta fibruża. Għandha piż molekolari ta' 1.6×10^5 jew aktar.
Deskrizzjoni	Trab abjad u bla riħa.
Kontenut	Mhux aktar minn 92 % $(C_{12}H_{20}O_{10})_n$.
Sustanza volatili	Mhux aktar minn 7 % stabbilit mit-tnixxif f'105 °C għal tliet sigħat.
pH	Ħallat madwar 5g ma' 40ml ta' ilma mingħajr diossidu tal-karbonju għal 20 minuta u ċċentrifuga. Il-pH tal-likwidu supernatant huwa bejn 5.0 u 7.5.
Rmied sulfat	Mhux iktar minn 0.3 % iddeterminat f'800 ± 25 °C.
Sustanzi solubbli fl-ilma	Mhux aktar minn 1 %."

(e) Taħt E 474:

— L-aħħar sentenza tat-test ta' l-iskrizzjoni li għandha x'taqsam mad-deskrizzjoni kimika għandha tiġi mibdula b'dan li ġej:

“L-ebda solvent organiku m'għandu jiġi użat fil-preparazzjoni tagħhom għajr cyclohexane, dimethylformamide, ethyl acetate, isobutanol u isopropanol.”

— L-iskrizzjoni ġdida li ġejja għandha tiġi miżjuda:

“Kontenut totali ta' cyclohexane u isobutanol: Mhux aktar minn 10mg/kg għalihom jew magħqudin.”

(f) Taħt E 477, l-iskrizzjoni li għandha x'taqsam mad-dimer u t-trimer tal-propane-1,2-diol għandha tiġi mibdula b'dan li ġej:

“Mhux iktar minn 0.5 %.”

L-Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 1984. Għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni minnufih b'dan.

L-Artikolu 3

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-12 ta' Lulju 1982.

Għall-Kunsill
Il-President
J. NØRGAARD